**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Każ Numru: 4892/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs.**

**Daniel Desmond Borg**

**Illum, 10 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat illi tressaq b'arrest **Daniel Desmond Borg**, ta' 35 sena, iben Giovanna (Jane) Borg, imwieled il-Pietà nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u disgħin (1990), residenti ġewwa Block H, Flat 14, Triq il-Lellux, Santa Luċija, detentur ta' karta tal-identità numru 0054990M.

*Akkużat talli nhar l-14 t'April 2025 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur u s-sena ta' qabel, ġewwa Raħal Ġdid, u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti*

*magħmulin f'ħinijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

*l. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Abigail Critien, LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Daniel Desmond Borg u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' (tmint elef) 8,000 Euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Barra min dan, l-imputat Daniel Desmond Borg huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tat-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmi Daniel Desmond Borg sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' April 2025 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tas-16 ta' April 2025, ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[2]

[1] Folio 3 tal-atti proċesswali
[2] Folio 8 tal-atti proċesswali

Rat illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2025 l-imputat Daniel Desmond Borg b'mod volontarju irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u, jekk ikun il-każ, jerġa lura minnha.[3]

Rat illi l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[4]

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2025.[5]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[6]

---

[3] Folio 33-34 tal-atti proċesswali
[4] Folio 33-34 tal-atti proċesswali
[5] Folio 37-38 tal-atti proċesswali
[6] Folio 36 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ jirrigwarda ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat Daniel Desmond Borg permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Abigail Critien nhar l-20 ta' Marzu 2024.

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat ukoll illi huwa irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija kontrih li saret definittiva.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni espressa u inkondizzjonata li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[7]

Illi għal finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

[7] Folio 33-34 tal-atti proċesswali

1. Illi l-imputat irreġistra ammissjoni inkondizzjonata u mingħajr ebda riservi.[8]

2. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[9] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

   *"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[10]

3. Illi mill-atti jirriżulta li l-ammissjoni saret fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri odjerni u għalhekk ser titqies bħala attenwanti favur tal-imputat.

---

[8] Folio 33-34 tal-atti proċesswali

[9] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

[10] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

4. Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u irrisponda għal kull mistoqsija li saritlu. L-imputat għażel li ma jiffirmax l-istqarrija.[11]

5. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkużat bihom l-imputat.

6. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat huwa ikkonsidrat reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li fid-determinazzjoni tal-piena li għandha tiġi erogata iżżid l-istess bi grad wieħed.

7. Illi l-Qorti ħadet nota tal-rikors konġunt tal-partijiet ippreżentat waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2025 li permezz tiegħu qablu illi l-imputat jirreġistra ammissjoni bil-patt illi huwa jeħel priġunerija effettiva ta' erbgħa (4) xhur, li minn liema żmien għandu jitnaqqas iż-żmien illi l-imputat kien inkarċerat mingħajr il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, dan oltre l-konfiska ta' elf Ewro (€1,000) mid-depożitu tal-ħelsien mill-arrest.[12]

8. Illi l-Prosekuzzjoni issottomettiet li tenut kont illi l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kien ripetut meta l-imputat kien ilu ma jiffirma mill-14 ta' Awwissu, kif ukoll illi jirriżulta illi huwa reċidiv, l-imputat għandu jiġi ikkundannat priġunerija effettiva fil-minimu għal perjodu ta' erbgħa (4) xhur, oltre il-konfiska ta' ammont mid-depożitu b'rabta mal-ħelsien mill-arrest.

9. Illi d-Difiża abbraċjat ma' din il-pożizzjoni u qablet bis-sħiħ mal-piena issuġġerita lill-Qorti.

[11] Dok. AM4, Folio 11-13 tal-atti proċesswali
[12] Folio 35 tal-atti proċesswali

10. Illi l-Qorti ma hija bl-ebda mod marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

12. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi iħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li ikun għamel.

13. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

"*Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati w għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent*

*ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena".*[13]

Meħud dan kollu in konsiderazzjoni l-Qorti tqis m'għandhiex alternattiva għajr li tippronunzja piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 579(2), 579(3) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil Daniel Desmond Borg fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah terminu ta' priġunerija ta' **erbgħa (4) xhur** li minnhom għandhom jitnaqqsu dawk diġà skontati taħt arrest preventiv.

B'referenza għall-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-20 ta' Marzu 2024 u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' elf Ewro (€1,000) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

[13] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

**Mogħtija illum, nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**